



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

---

**2013/2116(INI)**

27.11.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE dwar Prattiki Kummerċjali  
Żleali  
(2013/2116(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Raffaele Baldassarre

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddispijaċih għad-dewmien tal-Kummissjoni biex tippreżenta r-rapport dwar id-Direttiva;
2. Jissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni korretta tad-Direttiva bil-għan li jiġu eliminati inċertezzi ġuridiċi u operattivi għall-impriżi li jaħdmu fil-livell transkonfinali;
3. Josserva bi tħassib kif bejn l-2011 u l-2012 il-Kummissjoni kellha tirrikorri għas-sistema ta' konsultazzjoni "EU Pilot" fil-konfront ta' diversi Stati Membri bħala riżultat tat-traspożizzjoni ħażina tad-Direttiva;
4. Jistieden lill-Kummissjoni biex mingħajr dewmien issolvi l-kwistjonijiet pendenti fir-rigward tal-konsultazzjonijiet immedija fl-2011, billi jew il-proċeduri ta' ksur jiġu konklużi jew jiġu riferuti lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja;
5. Jirrimarka kif f'xi Stati Membri għadhom fis-seħħ liġijiet li jimponu miżuri aktar restrittivi meta mqabbla ma' dawk previsti fid-Direttiva 2005/29/KE u dan jista' jipperikola l-għan ta' armonizzazzjoni uniformi;
6. Jissottolinja li fid-dawl tad-distribuzzjoni rapida ta' reklamar onlajn, jeħtieġ li jiġi żviluppat metodu għall-monitoraġġ tal-protezzjoni tal-kategoriji vulnerabbli, b'mod speċjali tat-tfal u l-aċċess għalihom minn dawk li jirreklamaw;
7. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kunflitti ta' interess involuti u l-użu qarrieqi li xi operaturi tas-suq jaġhmlu mill-għodod ta' valutazzjoni mill-konsumaturi u dwar is-siti elettroniċi li jqabblu l-prezzijiet; jilqa' b'mod pożittiv id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkunsidra kif l-informazzjoni preżenti fuq dawn il-pjattaformi tista' ssir aktar ċara għall-konsumaturi;
8. Josserva bi tħassib in-numru dejjem ikbar ta' lmenti mressqa dwar xerrejja ta' biljetti onlajn li jisfaw vittmi tal-hekk magħruf "intraċċar tal-IP", prattika li timmira li tirreġistra n-numru ta' konnessjonijiet ta' utent permezz tal-istess indirizz IP u, b'hekk, iżżid b'mod artifiċjali l-prezz ta' oġġett li jiddependi fuq l-interess muri billi jsiru diversi tfittxijiet simili; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-frekwenza ta' din il-prattika li twassal għal kompetizzjoni inġusta u tikkostitwixxi użu ħażin tad-dejta personali tal-utenti u, jekk ikun xieraq, tissuġġerixxi leġiżlazzjoni adatta għall-protezzjoni tal-utent;
9. Jilqa' b'mod pożittiv l-istabbiliment ta' bank tad-dejta min-naħa tal-Kummissjoni dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali u dwar il-ġurisprudenza fir-rigward tal-prattiki kummerċjali żleali u jirrikonoxxi l-bank tad-dejta bħala mezz utli għaż-żieda ta' informazzjoni disponibbli għall-konsumaturi;
10. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-linji gwida dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva fir-rigward ta' konsultazzjoni miftuħa li tinvolvi lill-partijiet kollha interessati.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	26.11.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 22 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Raffaele Baldassarre, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Klaus-Heiner Lehne, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Dimitar Stoyanov, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eduard-Raul Hellvig, Eva Lichtenberger, Dagmar Roth-Behrendt, József Szájer, Axel Voss